

32006R0241

11.2.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 40/5

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 241/2006****ta' l-10 ta' Frar 2006****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1004/2001 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-klassifikazzjoni tal-iskrin tal-plasma bil-kulur b'disketti ta' installazzjoni fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1004/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li tikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda<sup>(2)</sup> wasslet għall-klassifikazzjonijiet li jaqaw taħt Kodiċi NM 8528 21 90 għall-iskrin tal-plasma u 8524 91 00 għad-disketti ta' installazzjoni. Billi n-Nota 6 għal kapitolu 85 tan-Nomenklatura Magħquda ġiet emendata b'effett mill-1 ta' Jannar 2002 u minħabba l-fatt li l-Kumitat HS qabel f'Ottubru 2004 dwar l-interpretazzjoni ta' din in-Nota, ir-Regolament (KE) Nru 1004/2001 irid jiġi kkunsidrat inkorrett.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1004/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

mibdul bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(<sup>1</sup>) ĠU L 256, 7 9 1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005 (ĠU L 286, 28 10 2005, p. 1).

(<sup>2</sup>) ĠU L 140, 24 5 2001, p. 8.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Frar 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
*László KOVÁCS*  
Membru tal-Kummissjoni